MELLIEĦA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI TAL-MELLIEĦA**

**IT-TMIEN KUNSILL**

SEDUTA NRU. 19

13ta' Ottubru 2020

Minuti tas-seduta Nru. 19 tal-Kunsill Lokali tal-Mellieħa li saret fl-uffiċċju amministrativ tal-Kunsill f'Nru. 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar it-Tlieta 13 ta' Ottubru 2020 fis-6.00 pm.

## Attendenza u qari ta' ittri ta' apoloġiji

Il-Kunsillieri kollha kienu preżenti, minbarra l-Kunsilliera R. Bartolo Cutajar li talbet tiġi skużata minħabba li kienet tinsab indisposta. Minkejja dan hija xorta waħda segwiet is-seduta permezz ta' kollegament elettroniku, minkejja li pparteċipatx fid-deċiżjonijiet li ttieħdu. Hija bagħtet notifika dwar dan permezz ta' imejl datat 13 ta' Ottubru 2020. Il-Kunsill aċċetta r-raġunijiet mogħtija.

Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono rreġistra l-minuti, filwaqt li s-seduta ġiet transmessa permezz tal-internet u irrekordjata. L-istess *recording* jista' jitniżżel mis-sit elettroniku: https://corterm.com/vod/members/mellieha/

## Talba

It-talba ntqalet mis-Sindku D. Vella.

## 1.1. Minuti

1.2. Il-minuti tas-Seduta Nru. 18, li saret fis-17 ta' Settembru 2020 ġew approvati mingħajr emendi. Kien hemm qbil li dawn għandhom jiġu ppubblikati fis-sit elettroniku https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/MinutesList

## 2.0. Materji Mqajma mill-Minuti

## 2.1.1. Infurzar tar-regolamenti u Maniġġ ta' traffiku fi Triq Ġorġ Borg Olivier (T/5/1/Vol II)(T/3/3/Vol IV).

2.1.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg rrefera għall-minuta 2.2.1. tas-seduta ta' qabel u aċċenna għall-fatt li ma kienx hemm aktar żviluppi dwar it-tibdil tar-rotot tal-karozzi tal-linja, minħabba li għadu ma ġiex determinat is-sit fejn għandu jsir l-*interchange*.

2.1.3. Is-Sur J. Buttigieg kompla billi talab li jingħata rendikont ta' kontravvenzjonijiet reġistrati mill-uffiċjali ta' Transport Malta, kif ukoll jerġa' jintalab servizz mifrux fuq erba' ġimgħat matul ix-xahar ta' Novembru 2020, kif sar f'Settembru.

2.1.4. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 2.1.3. aktar 'l fuq.

2.1.5. Is-Sindku D. Vella qal li l-laqgħa dwar l-introduzzjoni tal-cameras mad-diriġenti tal-LESA ser issir fl-20 ta' Ottubru 2020.

### 2.2.1. *Notte Bianca* fil-Mellieħa u Tellieqa *(Everesting)* bir-roti f'Dawret il-Mellieħa (A/5/3/Vol VIII)(A/6/3/2/Vol 92)

2.2.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għall-minuti 5.1.1. u 5.5.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li iż-żewġ attivitajiet imsemmija ġew ikkanċċellati fid-dawl tad-direttivi mogħtija mill-awtoritajiet tas-Saħħa b'rabta mal-imxija Covid-19.

2.2.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.3.1. *Bring-in site* fi Triq l-Iżbark tal-Franċiżi (K/6/2/Vl V)

2.3.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għall-minuta 5.4.3. tas-seduta preċedenti u kkummenta li ħafna nies qed isibu wħud mill-kontenituri tal-*bring-in site* mimlijin, minkejja li dawn huma mgħammra bis-*sensors*. Huwa tenna li s-sistema tas-CCTV tkun iktar effettiva bit-tieni camera.

### 2.4.1. Għoti ta' injezzjonijiet kontra tal-influwenza (M/8/Vol VI)

2.4.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għall-minuta 5.2.1. tas-seduta ta' qabel u għarraf li huwa ġie avviċinat minn infermiera mill-Mellieħa li lesta tagħti mingħajr ħlas l-injezzjonijiet tal-influwenza lil persuni morda ma joħorġux minn darhom.

2.4.3. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini wieġbet li minħabba l-imxija tal-Covid-19, l-injezzjonijiet kollha ser jingħataw minn infermiera mqabbda mid-Dipartiment tas-saħħa.

### 2.5.1. Żjara mill-*Unit* għall-Għoti tad-Demm (M/9/Vol VI)

2.5.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini, irreferiet għall-minuta 5.21.1. tas-seduta preċedenti u għarrfet li fiż-żjara li saret mill-unit tad-demm nhar il-Ħadd 4 ta' Ottubru 2020, kien hemm 41 donatur, filwaqt li kien hemm residenti oħra li marru G'Mangia. Hija qalet li bir-rispons reġistrat fil-Mellieħa, qed jikkonsidraw li ż-żjarat jibdew isiru fuq jumejn – is-Sibt u l-Ħadd. Hija qalet ukoll li ż-żjarat li jmiss ser ikunu s-Sibt 24 ta' Ottubru 2020 u fit-3 ta' Jannar 2021.

2.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 2.6.1. Nominazzjonijiet għal premjijiet Anzjanità Attiva (N/1/Vol II)

2.6.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għall-minuta 7.1. tas-seduta preċedenti u qalet li ġew sottomessi n-nomini tas-Sinjuri Carmelo Bartolo, Emanuel Pace u Philip Vella. Is-Sinjuri John De Bono u Alfred Muscat ma xtaqux li titressaq in-nomina tagħhom.

2.6.3. Il-Kunsillier K. Buttigieg qal li s-Sur Alfred Muscat u l-familjari tiegħu wrew apprezzament għall-ħsieb tal-Kunsill, iżda xtaqu li n-nomina tiegħu ma tiġix sottometta, minħabba li saret oħra fil-passat, u għalhekk għandha tingħata l-opportunità lil xi ħadd ieħor.

2.6.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 3.0. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

### 3.1.1. Tkomplija ta' Taraġ il-Landiera (T/4/7/Vol III)

3.1.2. Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk hemmx pjanijiet minn naħa ta' Infrastructure Malta sabiex jitwettaq ix-xogħol fuq it-taraġ ppjanat għal Triq il-Landiera, bejn Triq in-Naħal u Triq l-Etna.

3.1.3. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li kien saret spezzjoni fuq il-post mal-perit konċernat fi ħdan Infrastructure Malta f'Jannar 2020, iżda baqa' ma nbeda ebda xogħol fuq il-post, minkejja li l-Kunsill huwa nfurmat li dan kien ġie assenjat lil kuntrattur partikulari.

## 3.2.1. Rikostruzzjoni ta' Triq ir-Ramla tat-Torri l-Abjad (T/4/7/Vol III)

3.2.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg staqsa dwar xi pjanijiet għandhom Infrastructure Malta rigward it-triq imsemmija. Huwa qal li din hija wiesgħa biżżejjed biex issir bankina fuq naħa waħda tagħha, kif ukoll l-asfaltar tagħha għandu jiġi estiż sa Daħlet ix-Xmajjar, 'il ġewwa mit-trejqa li twassal lejn it-Torri l-Abjad.

3.2.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni ma' Infrastructure Malta f'dan is-sens.

## 3.3.1. Tbattil ta' *litter bins* ġodda (L/5/Vol II)

3.3.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għal *litter bins* mill-kbar li tpoġġew f'diversi postijiet fil-Mellieħa. Huwa staqsa dwar jekk hemmx xi problema biex dawn jitbattlu.

3.3.3. Is-Sindku wieġeb li dawn tpoġġew fil-post, mingħajr ma ntgħataw kwievet tagħhom lill-Kunsill. Dawn intalbu u mistennija jiġu mgħoddija malajr kemm jista' ikun.

3.3.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif.

## 3.4.1. Dwal ġodda fit-toroq (E/1/3/Vol VI)

3.4.2. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar jekk ġiex reġistrat progress rigward l-iskema ta' dwal ġodda fi Sqaq Nru, 1 fi Triq il-Muna, Triq il-Barkazza, Triq iż-Żebbuġ, Daħlet id-Dalji, Daħlet is-Sardinell, Triq il-Bilbla, Triq il-Bufula, Triq il-Gardell, il-parti ta' barra ta' Triq il-Birwina, u Triq il-Ġojjin.

3.4.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li l-applikazzjoni dwar il-kofinanzjament tal-proġett permezz tad-*Development Planning Fund* tinsab għall-kunsiderazzjoni tal-Awtorità tal-Ippjanar.

## 3.5.1. Sewqan perikoluż fi Triq il-Qortin (T/3/2/Vol XV)

3.5.2. Il-Kunsillier I. Castillo rrefera għad-diskussjoni li kien hemm dwar jekk sarx kuntatt mal-perit sabiex jinstab rimedju għas-sewqan perikoluż li jsir fit-triq imsemmija.

3.5.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-Perit D. Cordina mar fuq il-post u ntalab jgħaddi l-proposti tiegħu, iżda għad ma kien hemm ebda rispons minn naħa tiegħu.

3.5.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal illi huwa jara li soluzzjoni għall-abbużi li qed isiru hija l-introduzzjoni ta' *speed humps* ta' ċertu wisa', mill-inqas fi tlieta jew erba' postijiet. Huwa semma l-partijiet bejn Triq il-Kbira u Triq Pietru Pawl Caruana; bejn Triq Ta' Braġ u Triq Mario de Vasi'; u bejn Triq Mario de Vasi' u Triq il-Ġojjin. Kompla jgħid li din il-miżura tista' tkun mgħejjuna minn *built-outs* fil-bankini fil-kantunieri tal-blokki.

3.5.5. Il-Kunsill iddeċieda li għandu jgħaddi l-proposti skont il-minuta 3.5.4. lil Transport Malta.

## 3.6.1. Okkupazzjoni ta' bankini f'Santa Marija Estate (C/6/Vol VIII)

3.6.2. Il-Kunsillier G. Micallef staqsa dwar jekk huwiex ippjanat li jinżabru siġar li qed jokkupaw il-bankini fi Triq il-Qasab u Triq Għajn Żejtuna.

3.6.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono wieġeb li dan ix-xogħol ser isir fil-jiem li ġejjin.

## 4.0. Tqegħid ta' Karti

- *Purchase Request Form* – 09/10/20;
- Skeda ta' Infieq permezz tal-*Petty Cash* – 01/09/20 – 05/10/20;
- Skeda ta' Pagamenti – 17/09/20 – 09/10/20;
- Skeda ta' Korrispondenza li waslet;
- Skeda ta' Korrispondenza li ntbagħtet; u
- Abbozz tal-Kriterji dwar l-għoti ta' Onorefiċenzi u Apprezzamenti.

## 5.0. Korrispondenza u komunikazzjoni mis-Sindku u l-Kunsillieri

### 5.1.1. Finanzjament għall-Krejazzjoni ta' Spazji Miftuħa fiċ-Ċentru tal-Lokalitajiet (F/1/7/Vol V)

5.1.2. Saret referenza għall-Ċirkulari SPI.SCI.6.2020 datata 2 ta' Ottubru 2020 dwar is-suġġett t'hawn fuq. L-għanijiet tagħha huma:

- Aktar zoni pedonali pittoreski, komdi, siguri u aċċessibbli fil-lokalitajiet;
- Aktar ambjent urban pożittiv, biex jattira kemm ir-residenti lokali kif ukoll it-turisti;
- Aktar faċilitajiet għar-residenti biex jinteraġixxu flimkien bħala soċjetà; u
- Aktar investiment fil-kwalita' ta' l-arja, saħħa u l-benessere tar-residenti.

5.1.3. Ġie spjegat li huma eliġibbli dawk il-Kunsilli Lokoli li fil-lokalitajiet tagħhom hemm il-possibbilta' li jikkrejaw spazji miftuħa.

5.1.4. Fuq proposta tal-Kunsillier E. Bartolo, ġie deċiż li għandha ssir talba għall-finanzjament ta' tisbiħ tat-taraġ fi Triq il-Madonna tal-Għar, fil-parti bejn Misraħ il-Parroċċa u Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II.

5.1.5. Għaldaqstant ġie deċiż li għandha ssir sejħa dwar is-servizzi meħtieġa fir-rigward tal-perit, kif ukoll sabiex isir *survey* tat-taraġ ħalli eventwalment isiru l-pjanti u tiġi sottomessa applikazzjoni mal-Awtorità tal-Ippjanar.

### 5.2.1. Skema ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern (F/1/7/Vol 92)

5.2.2. Saret referenza għal ċirkulariSPI/SCI/5/2020 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali fit-2 ta' Ottubru 2020, li l-objettivi tagħha huwa li jkun hemm aktar kumditajiet, sigurtà u kwalità ta' ħajja aħjar għar-residenti, kif ukoll tisbieħ ta' postijiet, proġetti jew spazji miftuħa li ġew imwettqa mill-Gvern. Huma eliġibbli għall-finanzjament:

- Dawk il-Kunsilli Lokali li l-Lokalita' tagħhom ibbenifikat minn xi proġett li ġie mwettaq mill-Gvern mis-Sena 2017 'l hawn huma eliġibbli li japplikaw għal dan il-fond;
- Xogħlijiet u servizzi li għadhom koperti bil-garanzija mhumiex eliġibbli;
- Kunsilli Lokali li bbenefikaw minn dan il-fond is-sena l-oħra mhumiex eliġibbli li japplikaw din is-sena; u
- Kunsilli Lokali li bbenefikaw minn xi skema oħra mhumiex eliġibbli għal dan il-finanzjament.

5.2.3. Il-Kunsill innota li mhemm l-ebda proġett kapitali li huwa eliġibbli taħt din l-iskema.

**5.3.1. Skema dwar Finanzjament ta' Proġetti Kapitali – Aċċessibilità u Mobilità (F/1/7/Vol V)**

5.3.2. Saret referenza għal Ċirkulari SPI.SCI.3.2020 maħruġa mid-Diviżjoni tal-Gvern Lokali tal-14 ta' Settembru 2020. Ġie spjegat li din l-iskema hija ntiża biex:

- Tinkoraġġixxi l-inklużjoni soċjali;
- Iżżid l-aċċessibiltà, inkluża dik diġitali għal servizzi, postijiet ta' divertiment u rekrejazzjoni, binjiet, parkeġġi u postijiet oħra pubbliċi; u
- Jintlaħaq livell ogħla ta' indipendenza u libertà għar-residenti u l-persuni li jaħdmu fil-lokalità, speċjalment dawk bi ħtiġijiet speċjali u vulnerabbli.

5.3.3. Il-Kunsill qabel li l-proġett tal-lift panoramiku bejn Triq l-Inkurunazzjoni u l-Belveder tas-Sur huwa eliġibbli taħt din l-iskema u għalhekk għandha ssir talba għall-finanzjament tiegħu.

**5.4.1. *Culvert* fi Triq il-Qortin (T/4/12/Vol II)**

5.4.2. Saret referenza għal ittra ġudizzjarja datata 23 ta' Settembru 2020, mibgħuta f'isem proprjetarji ta' fond fi Triq il-Qortin. Ġie spjegat li dawn qed jallegaw li l-ilma tax-xita li niżel man-niżla tad-*drive-in* tar-residenza tagħhom fil-21 ta' Settembru 2020, kien kkawżat mill-mod kif saret it-triq bit-tarmak. Intqal ukoll li l-livelli ma baqgħux l-istess.

5.4.3. Il-Kunsill osserva li f'Ottubru 2016 kienet saret *catch pit* kbira quddiem id-*drive-in* in kwistjoni sabiex taqbad aktar ilma. Inżerta li fil-21 ta' Settembru 2020 f'temp ta' ftit minuti għamlu diversi millimetri ta' xita u b'hekk u rriżulta li l-*culvert* ma laħħaqx mal-ilma kollu li nġabar quddiem ir-residenza in kwistjoni. Din kienet sitwazzjoni eċċezzjonali, li fil-fatt ma gratx minn meta tkabbret il-*catch pit* – erba' snin qabel. Ġie osservat ukoll li meta t-triq ingħatat it-tarmak, ma kienx hemm tibdil fil-livelli, għaliex li kieku verament sar hekk kienet tiġi affettwata proprjetà oħra ta' terzi fl-istess area.

5.4.4. Ġie nnutat ukoll li l-kurduna tal-bankina quddiem id-*drive-in* hija baxxa ħafna, bir-riżultat li meta l-ilma jogħla bi ftit millimetri biss, jinżel fid-*drive-in* u jispiċċa fil-garaxx tal-fond in kwistjoni. Kemm-il darba l-għoli tal-kurduna jiżdied, titnaqqas il-possibiltà li l-ilma jaqbeż il-bankina.

5.4.5. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li saret spezzjoni fuq il-post mil-perit tal-Kunsill fil-preżenza tar-resident konċernat sabiex jiġi stabbilit jekk hemmx xi passi ulterjuri li jistgħu jittieħdu. Il-perit kien tal-fehma li s-sitwazzjoni tista' titjieb bit-tqegħid ta' medda katusi ma' dik li diġa hemm, iżda isir x'isir, qatt mhemm garanzija li mhux ser jiġri l-istess. Ġie spjegat ukoll li s-sitwazzjoni tista' titjieb jekk kull naħa tagħmel dak kollu possibbli biex ma jibqax jiġri l-istess kull meta tagħmel kwantità ta' xita.

5.4.6. Inġibdet l-attenzjoni li fis-Seduta 5 tal-1 ta' Ottubru 2019, kienet ġiet diskussa talba oħra li saret permezz ta' ittra ġudizzjarja fejn proprjetarju ta' residenza fi Triq Għajn Żejtuna talab li tiġi spusstjata bokka ta' *culvert* minn quddiem id-drive-in tiegħu.

5.4.7. Is-Segretarju Eżekuttiv, għarraf li fir-rigward ta' Triq il-Qortin, l-ispiża tammonta għal €43,137, filwaqt li fil-każ ta' Triq Għajn Żejtuna €9,775.

5.4.8. Il-Kunsill qabel li għandu jipproċedi bil-ħruġ ta' sejħa waħda għall-offerti li tkopri ż-żewġ postijiet.

**5.5.1. Sejħa għall-Offerti MLC 4/2020 – *Green Infrastructure* fil-Park tal-Familja u Ġnien tal-Komunità fi Ġnien il-Qigħan (P/10/34)**

5.5.2. Il-Kunsillier I. Castillo għarraf li fit-2 ta' Ottubru 2020 ħarġet is-sejħa msemmija, filwaqt li tagħlaq fit-23 ta' l-istess xahar.

5.5.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

**5.6.1. Użu tal-faċilitajiet fis-Sala tal-Kunsill** **(K/1/3/Vol II)**

5.6.2. Il-Kunsillier I. Castillo qal li huwa ġie avviċinat mill-Mellieħa Scout Group sabiex jagħmlu użu mill-faċilitajiet fis-sala tal-Kunsill, kif ukoll il-kompjuters installati hemm. Dan peress li ser ikollhom kollegamenti ma' *scouts* minn pajjiżi oħra bejn it-16 u t-18 ta' Ottubru 2020.

5.6.3. Is-Sindku D. Vella qal li fiċ-ċirkostanzi tal-Covid-19, huwa mportanti li jiġu osservati d-direttivi maħruġa mill-awtoritajiet tas-Saħħa, li ma jkunx hemm aktar minn għaxar persuni preżenti fl-istess ħin.

5.6.4. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni li jsir użu mis-sala sakemm ma tkunx okkupata b'attivitajiet oħra. Dwar l-użu tal-kompjuters, kien hemm qbil li l-i*scouts* għandhom jiksbu l-permess ta' sidhom.

5.7.1. **Nomina ta' sportivi mil-lokalità** **(I/1/2/Vol VIII)**

5.7.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini rreferiet għal imejl datat 9 ta' Ottubru 2020, fejn il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Impjiegi talab lill-Kunsill sabiex jinnomina bejn tliet u ħames sportivi mil-lokalità li għamlu isem, bil-għan li ssir riċerka dwarhom mill-istudenti li jattendu l-iskejjel primarji u sekondarji.

5.7.3. Fid-diskussjoni li kien hemm dwar dan is-suġġett issemmew l-isportivi segwenti:

- Alex Borg;
- Miray Cassar;
- William Chetcuti; u
- Maia Debono.

5.7.4. Il-Kunsill qabel li għandhom jitressqu n-nomini msemmija sakemm ikun hemm il-kunses tal-istess persuni.

**5.8.1. *Attention-Deficit / Hyperactivity Disorder*** **(K/11)**

5.8.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċenna li x-xahar ta' Ottubru huwa ddedikat għall-kundizzjoni fiżika msemmiji u għaldaqstant ipproponiet li għall-kumplament tax-xahar id-dwal ta' mal-ħitan f'Misraħ iż-Żjara tal-Papa Ġwanni Pawlu II jinxtegħlu bil-kulur oranġjo.

5.8.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u talab li jsiru l-arranġamenti meħtieġa.

**5.9.1. Korsijiet fis-sala tal-Kunsill** **(E/3/1/9/Vol IV) (M/8/Vol VI)**

5.9.2. Is-Sindku D. Vella rrefera għal proposta li saret minn TCTC Ltd dwar korsijiet tal-kompjuter onlajn, li jwasslu għal-livell ta' ECDL.

5.9.3. Ġie spjegat li din l-proposta tistabilixxi limitu massimu ta' 40 applikant u jżomm l-istess prezz ta' €2,000. Min-naħa l-oħra, TCTC tiċċarġja lill-kunsill *pro rata*, u allura f'każ li jkun hemm inqas minn 25 student, il-ħlas ikun sa massimu ta' €1,600, li €400 ikunu spejjeż amministrattivi u promozzjonali, fiż-żewġ każi.

5.9.4. Il-Kunsill laqa' il-proposta, sakemm jingħata rendikont dwar l-konkorrenza mil-lat ta' studenti.

**5.10.1. Ftehim dwar l-immaniġġjar tal-imsaġar fl-Aħrax u fil-Miżieb** **(K/3)**

5.10.2. Is-Sindku D. Vella ressaq kopja tal-*memorandum of understanding* dwar il-Konservazzjoni tal-Ambjent Naturali fl-Aħrax u fil-Miżieb li sar bejn il-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar. Ressaq ukoll ftehim li sar bejn l-Awtorità tal-Artijiet u l-Federazzjoni

Kaċċaturi u Nassaba Konservazzjonisti. Iż-żewġ dokumenti ġew iffirmati fid-9 ta' Ottubru 2020.

5.10.4. Is-Sur D. Vella qal li ż-żewġ ftehim ifformalizzaw dawk l-inizjattivi li kienu jieħdu l-għaqdiet tal-kaċċaturi u nassaba, fuq bażi annwali. Huwa spjega li permezz ta' dawn il-ftehim:

- Ġiet formalizzata l-proċedura li kien josserva l-Kunsill dwar iż-żamma tal-permessi għall-ikkampjar waqt l-istaġun tal-kaċċa;
- ser jiġi kostitwit bord ta' monitoraġġ konġunt, fejn il-Kunsill ser ikun rappreżentat; u
- inġagg ta' uffiċjali tal-konservazzjoni.

5.10.5. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini aċċennat li ser tibqa' tal-Gvern, fejn il-pubbliku ser jitħallilu aċċess, inkluż għaż-żoni ntiżi għall-ikkampjar. Hija qalet li bil-ftehim li sar l-kustodja tal-art ngħatat għal terminu ta' tliet snin biss.

5.10.6. Il-Kunsillier I. Castillo, qal il-ftehim huwa meħtieġ meta wieħed iqis l-inċidenti li kien hemm fl-aħħar snin, iżda aċċenna għan-nuqqas ta' konsultazzjoni li kien hemm minn naħa tal-entitajiet pubbliċi konċernati. Huwa staqsa dwar min ser ikun responsabbli għall-ħruġ tal-permessi u ż-żamma tal-indafa f'dawn il-postijiet.

5.10.7. Il-Kunsillier G. Micallef qal li l-Kunsill Lokali huwa wieħed mill-partijiet interessati u għalhekk kellu jkun involut mill-bidu nett fit-tfassil taż-żewġ ftehim, partikularment meta wieħed iqis kemm din hija materja kontroversjali.

5.10.8 Il-Viċi Sindku J. Buttigieg, qal li l-mistoqsijiet li saru fil-minuta 5.10.4. jistgħu jiġu diskussi fil-bord imsemmi, iżda wieħed jassumi li ser jiġri bħal fil-każ tal-Park tal-Majjistral. Fil-każ tal-aħħar, il-Kunsill xorta waħda baqa' responsabbli mill-ħruġ tal-permessi li jinvolvu l-Bajja tal-Mixquqa u l-kumplament tal-park. Fir-rigward tat-tindif, x'aktar li l-arranġamenti eżistenti se jibqgħu fis-seħħ.

### 5.11.1. Minuti tal-Bord tal-Park tal-Majjistral **(A/4/10)**

5.11.2. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg poġġa l-minuti tas-seduta tal-Bord li saret fl-14 ta' Settembru 2020 tal-bord imsemmi.

5.11.3. Il-Kunsill innota d-dokumenti imqiegħda.

### 5.12.1. Okkupazzjoni ta' toroq u turġien f'Santa Marija Estate **(P/5/2/Vol II)**

5.12.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għad-diskussjonijiet li kien hemm f'seduti preċedenti dwar l-okkupazzjoni tat-taraġ bejn Triq l-Għaqda u Triq l-Hena. Huwa ġibed l-attenzjoni wkoll li *hoarding* bil-briks li nbena fi Triq il-Qasab baqa' ma tneħħiex minkejja li l-ħajt illi jżomm it-triq ġie mwieżen.

5.12.3. Il-Kunsill qabel li għandha ssir rappreżentazzjoni mal-Aġenzija tal-Bini u Kostruzzjoni.

### 5.13.1. Spusstjar ta' *pedestrian crossing* fi Triq il-Marfa **(T/3/2/Vol XV)**

5.13.2. Il-Kunsillier E. Bartolo rrefera għad-deċiżjoni li ttieħdet fis-Seduta Nru. 6 tat-22 ta' Ottubru 2019, kif ukoll għall-approvazzjoni mogħtija minn Transport Malta dwar l-ispusstjar tal-*pedestrian crossing* li hemm fi Triq il-Marfa, bejn Sqaq Stejfen u Dawret il-Mellieħa. Huwa qal li issa huwa ż-żmien opportun biex isir dan ix-xogħol wara li għadda s-sajf.

5.13.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta skont il-minuta 3.3.4.

### 5.14.1. Ħajt fi Triq Ġnien Ingraw u Triq l-Għollieqa (C/6/Vol VIII)

5.14.2. Il-Kunsillier I. Castillo ġibed l-attenzjoni dwar il-ħtieġa li jitbajjad il-ħajt ta' Triq Ġnien Ingraw u Triq l-Għollieqa.

5.14.3. Ittieħdet nota sabiex il-ħajt indikat jiġi nkluż fil-pjan tax-xogħol tal-ħaddiema tal-Kunsill.

### 5.15.1. Permessi għall-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni fi Triq l-Għar u Casa (A/6/3/1/Vol 167)

5.15.2. Il-Kunsillier I. Castillo għarraf li waslulu lmenti minn residenti fin-naħa ta' ġewwa ta' Triq l-Għar u Casa, dwar l-użu ta' makkinarju tal-kostruzzjoni li jagħlaq it-triq kompletament. Kompla jgħid li jiġi osservat ukoll li l-istess makkinarju jitħalla jimblokka t-triq anke meta ma jkunx qed jintuża. Huwa fakkar li r-residenti fuq in-naħa ta' ġewwa tat-triq qed ikollhom iħallu l-vetturi tagħhom aktar 'l barra minn fejn ikun qed isir ix-xogħol. Intqal ukoll ma jkunx hemm superviżjoni tat-traffiku minn Uffiċjali tal-Komunità, Pulizija eċċ.

5.15.3. Il-Kunsillier E. Bartolo qal li meta jkun hemm għeluq ta' toroq, jeħtieġ jinġieb il-kunsens minn Transport Malta.

5.15.4. Is-Segretarju Eżekuttiv spjega li fejn ikun hemm ħtieġa li jingħalqu toroq li ma jinfdux, il-permessi jinħarġu skont id-durata tax-xogħol, li tiġi ndikata fl-applikazzjoni. Din fl-ebda każ m'għandha tkun qabel id-9.00 am u wara l-5.00 pm, kif ukoll titqassam notifika bieb bieb lir-residenti jumejn qabel. F'toroq bħal Triq l-Għar u Casa jkun inutli li tintalab superviżjoni tat-traffiku minn uffiċjal, għaliex din tintalab biss meta l-permess jinvolvi triq ewlenija, fejn tkun ser tiġi okkupata parti mill-karreġġjata. Il-permess ta' Transport Malta jintalab biss fil-każ ta' toroq arterjali, toroq minn fejn jgħaddu l-karozzi tal-linja, u f'każ li l-applikant jitlob infurżar permezz tal-irmonk ta' vetturi li jkunu qed jokkupaw il-post koperti bil-permess. F'każ li jkun hemm minn jestendi d-durata ndikata fil-permess, il-kontroll fuqha huwa kwistjoni ta' infurzar, u għaldaqstant lista' tal-permessi li jinħarġu tiġi mgħoddija ta' kuljum lill-Pulizija tal-Komunità.

5.15.5. Il-Viċi Sindku qal li l-perjodu bejn id-9.00am sal-5.00pm huwa twil wisq u forsi jista' jiqsar fix-xhur tax-xitwa.

5.15.6. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-ħin tal-5.00pm ġie stabbilit għaliex huwa kkalkulat li ħafna nies ikunu telqu għax-xogħol sad-9.00am u jirritornaw wara l-5.00pm. Huwa aċċenna wkoll li l-ħruġ tal-permessi huwa kkundizzjonat minn diversi fatturi apparti dawk imsemmija, fosthom, id-disponibiltà ta' ċertu makkinarju tal-kostruzzjoni, l-uffiċjali tal-infurzat, il-ħinijiet tal-iskejjel, is-sistemi tat-traffiku li jkunu fis-seħħ, fost oħrajn.

### 5.16.1. *Clean-Up* mill-Kunsill Studenti Universitarji (T/6/1/Vol III)

5.16.2. Il-Kunsilliera G. Micallef għarraf li huwa ġie avviċinat mill-KSU dwar l-intenzjoni tagħhom li jorganizzaw tindif volontarju fiż-żoni għall-ikkampjar u fl-Armier. Peress li l-attività ser tinvolvi l-għaqdiet kollha li jħaddni l-istudenti tal-università, hemm il-ħsieb li dawn jinqasmu f'żewġ gruppi fiż-żoni msemmija. L-attività hija ppjanata għall-24 ta' Ottubru 2020. Is-Sur Micallef staqsa jekk tistax tingħata għajnuna materjali minn naħa tal-Kunsill.

5.16.3. Il-Kunsill approva t-talba.

### 5.17.1. Ftuħ mill-ġdid tal-Għassa tal-Pulizija (P/9/4)

5.17.2. Il-Kunsillier G. Micallef ġibed l-attenzjoni li ħafna nies mhumiex kuntenti bil-fatt li l-għassa ilha diversi xhur magħluqa. Kompla jgħid li mhux aċċettabbli li mal-introduzzjoni tal-Pulizija tal-Komunità bl-uffiċċju tagħhom fil-bini tal-Kunsill Lokali, ingħalqet l-għassa.

5.17.3. Il-Kunsillier M. Abela fakkar li l-pjan oriġinali kien li l-funzjoni tal-Pulizija fl-għases tkun distinta minn dik tal-Pulizija tal-Komunità, iżda li waħda ma kellhiex teskludi lill-oħra.

5.17.4. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li bis-sitwazzjoni attwali, l-uffiċċju tal-Pulizija tal-Komunità jista' faċilment jiġi trasferit fil-post fejn hemm l-għassa.

5.17.5. Il-Kunsillier K. Buttigieg ikkummenta li fil-laqgħa li saret fil-Fgura fit-30 ta' Lulju 2020, il-Kummissarju tal-Pulizija kien stqarr li l-għeluq tal-għassa kellu jsir peress li ħafna uffiċjali qed ikunu okkupati bl-ispezzjonijiet li jsiru b'rabta mal-imxija tal-Covid-19.

5.17.6. Il-Kunsillier I. Castillo rrimarka li biex isiru rapporti ta' każi li jokkorru fil-Mellieħa, wieħed ikollu jmur l-Għassa tal-Qawra, meta llum il-popolazzjoni tammonta għal iktar minn 11,000. Huwa sostna li mhux neċessarjament minn jattendi l-għassa jkun uffiċjal tal-Pulizija, meta dan ix-xogħol huwa ta' natura klerikali u faċilment isir minn uffiċjal pajżan. F'każ li jsir rapport li jinvolvi tittieħed azzjoni immedjata, minn ikun preżenti jista' jikkuntattja lit-taqsima konċernata fi ħdan il-korp.

## 5.18.1. Manutenzjoni fil-Park tal-Familja (P/4/6/Vol VI)

5.18.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf li l-injam ta' l-i*skate board track* ġie infurzat minn taħt mill-ħaddiema tal-Kunsill, u wara ħafna sforzi nstab kuntrattur sabiex il-ġnub tagħha jinksew bil-pjanċi tal-metal. Huwa għarraf ukoll li twaħħlu mill-ġdid il-pajpijiet li nqalgħu minn posthom fil-*multi-purpose court*.

5.18.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.19.1. Miżura 2 – EAFRD – *Strenghtening a Healthy Cultural Identity* (P/10/36)

5.19.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg għarraf illi t-tagħmir tan-netball u baseball kofinanzjat b'fondi Ewropej issa wasal u ser jiġi kkunsinnat fil-jiem li ġejjin. Huwa qal li in-nefqa nvoluta kienet ta' €2,816 u €4,933 fir-rigward tal-basketball u baseball, rispettivament.

5.19.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.20.1. Statwa mal-faċċata tal-bini tal-uffiċċju ammistrattiv (K/1/1)

5.20.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg rrefera imejl tat-13 ta' Ottubru 2020, mibgħuta mill-Mellieħa Sports Club sabiex, jekk hu possibli tinghata lura lill-klabb, l istatwa ta' Discobulos li tinsab imwaħħla mal-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill fil kantuniera ta' Triq il Parroċċa ma' Triq il-Madonna ta' Fatima. Ġie mfakkar li din l-istatwa kienet tqegħdet hemm meta l-bini attwali tal-Kunsill kien proprjetà tal-Mellieħa Sports Club. Din intalbet sabiex tkun tista' tiġi esebita fis-sede attwali tal-MSC, fejn ser isir mużew.

5.20.3. Wara diskussjoni, il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni billi l-istatwa m'għandha ebda rilevanza mal-funzjonijiet tiegħu. Ġie anke propost li minflokha ssir stemma tal-Kunsill Lokali. Il-Kunsill iddeċieda li x-xogħol isir mill-Mellieħa Sports Club, u l-faċċata tiġi restitwita għall-istat oriġinali tagħha.

## 5.21.1. Ftuħ mill-ġdid tal-librerija pubblika (L/4/Vol III)

5.21.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini għarrfet li minflok nhar ta' Sibt, il-liberija qed tinfetaħ bi spiża għall-Kunsill, nhar ta' Tnejn bejn it-3.30pm u s-7.00pm. Dan huwa possibbli billi l-iskola tkun miftuħa bħala ċentru ta' kura għat-tfal. Hija fakkret li l-librar mħallas minn Libraries Malta ser jibqa' jiftaħ kull nhar ta' Erbgħa bejn it-3.00pm u s-7.00pm.

5.21.3. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

## 5.22.1. Stat dilapitat tal-Palazz tal-Marfa (A/6/7/Vol III)

5.22.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ġibdet l-attenzjoni dwar l-istat tal-bini msemmi, illi fil-passat kien hemm partijiet minnu allokati lil terzi. Fi snin riċenti, anke kien hemm sejħiet għall-espressjoni ta' interess dwar l-użu tiegħu mill-privat, iżda dan baqa' ma seħħx u attwalment il-palazz u l-batterija ta' biswitu waqgħu fi stat ta' abbandun. Fil fatt l-aperturi kollha ta' din

il-binja nsterqu jew ġew skassati, bir-riżultat li jista' jidħol fiha min irid. Jidher ukoll li s-soqfa f'xi partijiet sfundaw, bil-periklu kollu li dawn qed jikkawżaw. Is-Sinjura Brincat Stellini pproponiet, li jekk għallinqas mhemmx intenzjoni li l-bini jiġi restawrat u jinstab xi użu għaliħ, fl-immedjat għadhom jittieħdu passi minn naħa tal-Awtorità tal-Artijiet sabiex l-aperturi kollha fis-sular t'isfel jiġu mbarrati sabiex jinqata l-aċċess.

5.22.3. Il-Kunsill qabel mas-suġġeriment.

### 5.23.1. Żamma tal-qtates imsewwija *(neutered)* (A/9)

5.23.2. Il-Kunsillier M. Abela rrefera għar-rijalokazzjoni tal-qtates li attwalment jinsabu madwar il-binja tal-Mellieħa Bay. Huwa qal li fit-8 ta' Ottubru 2020 saret laqgħa fl-Irżieżet ta' Selmun li attendew għaliha il-*cat feeders*, flimkien miegħu u mas-Sindku D. Vella u s-Segretarju Eżekuttiv C. Debono. Kien hemm qbil li dawn jistgħu jinżammu f'waħda mill-btieħi tal-kumpless, sakemm issir xibka fuqha sabiex il-qtates ma joħorġux.

5.23.3. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono qal li l-*cat feeders* intalbu jipproponu termini dwar l-użu temporanju tal-post sabiex ikun jista' jiġi ffirmat ftehim.

5.23.4. Il-Kunsill innota t-tagħrif mogħti.

### 5.24.1. Periklu fuq il-Pont tal-Mistra (T/4/4/Vol II)

5.24.2. Il-Kunsillier K. Buttigieg ġibed l-attenzjoni għall-periklu li jeżisti biex wieħed joħroġ mit-triq tal-Mistra għat-Telgħa ta' Selmun. Kompla jgħid li l-ħruġ mit-triq tal-Mistra jista' jsir b'aktar sigurtà bl-introduzzjoni ta' *traffic lights* li jiffunzjonaw permezz ta' *sensors* bil-għan li t-traffiku fit-Telgħa ta' Selmun ma jitwaqqafx bla bżonn. Permezz ta' din il-miżura jispiċċa l-periklu li jinħoloq meta vetturi kbar joħorġu mit-triq tal-Mistra, peress li t-*turning circle* ġġegħelhom jokkupaw iż-żewġ korsiji. Is-Sur K. Buttigieg qal li huwa inutli li saret linja kontinwa bejn iż-żewġ korsiji fid-direzzjonijiet opposti.

5.24.3. Il-Kunsill qabel mal-proposta u talab li ssir rappreżentazzjoni ma' Transport Malta f'dan is-sens.

### 6.1. Reviżjoni tal-kriterji dwar l-għoti ta' onorefiċenzi u apprezzamenti (A/5/3/1/Vol XVI)

6.2. Is-Segretarju Eżekuttiv għarraf li l-Kumitat maħtur mill-Kunsill dwar ir-reviżjoni tal-kriterji dwar l-għoti ta' onorefiċenzi temm l-inkarigu tiegħu u ra x'tibdil jeħtieġ isir skont dokument li tqassam qabel is-seduta. Huwa fakkar li dan kien kompost mis-Sinjuri Grezzju Barbara (Chairman), Margaret Cutajar, Carmen Walls, u in-Nutar J. Vella. Is-Sur John Grima talab li jiġi skużat minħabba raġunijiet ta' xogħol.

6.3. Is-Sur C. Debono qal li kien hemm diversi klawsoli li ġew emendati sempliċiment biex ikunu iktar ċari u għaldaqstant ma kienx hemm ebda tibdil fis-sustanza. Minn naħa l-oħra l-Kumitat qed jirrakkomanda tibdil sinifikanti li jinvolvi:

- Il-validità tan-nomini titnaqqas minn seba' għal ħames snin u wara dan it-terminu ma jibqgħux eliġibbli awtomatikament. L-emenda tipprovdi wkoll li minn ikun għamilhom ma jiġix mistoqsi jekk iridx iġeddihom jew le. Fil-każ li jrid jagħmel hekk, tkun trid issir nomina mill-ġdid;

- Tiġdid ta' nomina għall-ħames snin oħra ssir biss f'każ li jingħata Rikonoxximent u allura jkun fadal l-possibiltà li jingħata il-Ġieħ; u

- Il-kriterju 3.2. dwar l-eliġibilità ta' persuni li jkunu għamlu xi għad umanitarju fil-qasam soċjali li jkun ta' eżempju għall-oħrajn, tneħħa minn taħt l-Onorefiċenzi (3.2) u tpoġġa taħt l-Apprezzamenti, u hekk ikun jista' jingħata mill-Kunsill direttament mingħajr il-ħtieġa ta' nomina.

6.4. Wara li l-Kunsill ra t-test kif rakkomandat mill-Kumitat, approva t-tibdil kollu propost bl-eċċezzjoni tal-kriterji segwenti li għandhom jinqraw kif ġej:

| | |
|---|---|
| 2.9. | Nominazzjonijiet li ma jiġux milqugħa fl-ewwel sena tagħhom, jibqgħu validi għall-ħames snin ta' wara u ma jibqgħux eliġibbli minn hemm 'il quddiem. Wara li jiskadi dan it-terminu, in-nomini jeħtieġ isiru mill-ġdid permezz tal-formola preskritta. |
| 3.5. | Kunsillieri li servew għal terminu wieħed u li ma jkunux ġew eletti, jingħataw l-onorefiċenza "Rikonoxximent il-Mellieħa", filwaqt li min serva għal żewġ mandati, jingħata "Ġieħ il-Mellieħa". |
| 4.1. | Mingħajr il-ħtieġa ta' nomina, il-Kunsill jista' jagħti Apprezzament uffiċjali, lil persuni, għaqdiet, u gruppi ta' individwi li bil-ħidma tagħhom servew ta' eżempju lis-soċjetà u/jew qdew id-dmirijiet ordinarji tagħhom b'onestà u effiċjenza, u/jew b'altruwiżmu fis-sempliċità tiegħu, u/jew billi għenu lil ħaddieħor jaffaċċja d-diffikultajiet tal-ħajja. |
| Jiżdied kriterju ġdid 4.2. | Persuni, gruppi ta' persuni, jew entitajiet oħra li ġew nominati għal xi onorefiċenza ma għandhomx jiġu nklużi mal-Apprezzamenti. |
| Jiżdied kriterju ġdid 4.3. | F'edizzjoni waħda, jista' jingħata Apprezzament wieħed. |
| 5.4. | F'każ li r-"Rikonoxximent" jingħata lil għaqda, komunità reliġjuża, jew lil xi entità oħra, tiġi ppreżentata medalja. Fir-rigward tal-"Ġieħ" tingħata l-insinja tad-deheb. Fir-rigward ta' grupp ta' individwi li ma humiex parti minn korp kostitwit, tingħata medalja jew insinja skont il-każ. |

6.5. Fuq proposta tal-Kunsillier E. Bartolo, il-Kunsill qabel ukoll it-tibdil approvat fil-kriterji għandu jiġi ndikat b'mod ċar mal-formola tan-nomina.

## 7.1. Tħejjijiet għal Jum il-Kunsill u Milied Mellieħi (A/5/3/1/Vol XVII)(A/5/3/6/Vol VIII)

7.2. Is-Sindku D. Vella stqarr li fid-dawl tad-direttivi mogħtija mill-awtoritajiet tas-Saħħa b'rabta mal-imxija Covid-19, irrakkomanda li l-avveniment imsemmi, ippjanat għal Diċembru 2020, għandu jiġi pospost għal Lulju 2021. Huwa qal li għall-istess raġuni, għandhom jiġu posposti wkoll l-attivitajiet ta' Milied Mellieħi.

7.3. Il-Kunsill qabel mal-proposti skont il-minuta 7.2. aktar 'il fuq.

## 8.1. Aġġornament dwar il-ħidma tal-Pulizija tal-Komunità (P/9/4)

8.2. Kien deċiż illi l-intervent mis-Surġent G. Gatt isir waqt laqgħa nformali tal-Kunsill fit-22 ta' Ottubru 2020.

## 9.1. Tmexxija tal-Parkeġġ tal-Għadira (P/5/8/G)

9.2. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fl-aħħar laqgħa li saret ma' uffiċjali minn Projects Plus Ltd sar magħruf li n-naħa ta' ġewwa tal-parkeġġ tlestiet u anke ġiet mgħammra bid-dwal li ser jitqabbad mad-dwal tat-toroq, li eventwalment ser jgħaddi fir-responsabilta' tal-Kunsill. Fil-fatt diġa saret applikazzjoni minn naħa tal-Kunsill mal-ARMS sabiex id-dwal tal-parkeġġ jitqabbdu mal-provista tal-elettriku għad-dwal tat-toroq.

9.3. Il-Kunsillier I. Castillo staqsa dwar jekk il-kuntrattur huwiex ser jagħti garanzija fuq l-integrità tad-dwal li ġew installati. Is-Segretarju Eżekuttiv qal li ser tiġibed l-attenzjoni ta' Projects Plus Ltd għal dan il-fattur u possibilment jinkiseb dokument fuq dan il-fattur.

9.4. Il-Kunsill ġie mgħarraf li fil-parkeġġ saru numru ta' *soft areas*, li għall-ewwel tliet snin mill-inawgurazzjoni tal-proġett hemm arranġament ma' Infrastructure Malta dwar il-manutenzjoni tiegħu. Il-parti ta' barra tal-parkeġġ ser tkun lesta lejn l-aħħar ta' Ottubru 2020.

9.5. Tkomplew il-kuntatti bejn il-Kunsill, Projects Plus Ltd u Infrastructure Malta dwar il-*junction* ta' Triq il-Marfa mat-triq li tagħti għall-Mellieħa Bay Hotel. L-ewwel proposta li saret kienet tinvolvi li d-dħul għal-lukanda jkun mill-parkeġġ, liema proposta toffri ċerti problemi, partikularment bil-*coaches*. It-tieni proposta li saret minn Infrastructure Malta, tinvolvi l-formazzjoni ta' *slip road* billi tittieħed biċċa art li hija ntiża għall-parkeġġ. Din tinvolvi wkoll ir-rijallokazzjoni tal-latrina pubbliku aktar 'l isfel lejn ir-ramla. Kopja tal-pjanta ntweriet waqt is-seduta. Ġie spjegat li fi kwalunkwe każ, is-*centre strip* fi Triq il-Marfa jeħtieġ li tingħalaq biex it-traffiku kollu ġej mid-direzzjoni tal-Mellieħa fid-direzzjoni tal-parkeġġ jdur mar-*roundabout* li hemm ma' Triq l-Armier.

9.6. Il-Kunsill ġie mgħarraf wkoll li l-emendi fil-*bye-laws* L.C.B.L. 37/2/2009 ġew riveduti mit-taqsima legali tad-Diviżjoni tal-Gvern Lokali u ser jiġu sottomessi lill-Ministru Wirt Nazzjonali, l-Arti u Gvern Lokali.

9.7. Is-Sindku D. Vella għarraf li l-uffiċjali ta' Projects Plus Ltd qed itennu l-mistoqsija dwar jekk il-Kunsill jixtieqx jieħu f'idejh it-tmexxija tal-parkeġġ billi jitlob id-devoluzzjoni tiegħu.

9.8. Il-Viċi Sindku J. Buttigieg qal li f'dan l-istadju huwa meħtieġ li Projects Plus Ltd jispjegaw it-termini li huma ġew mogħtija l-kunsens mill-Awtorità tal-Artijiet biex jiżviluppaw il-parkeġġ.

9.9. Is-Segretarju Eżekuttiv C. Debono kkummenta li jista' ikun li l-kunsens mogħti mill-Awtorità tal-Artijiet lill-Projects Plus Ltd huwa limitat għall-iżvilupp tal-parkeġġ biss u mhux għat-tmexxija tiegħu.

9.10. Il-Kunsill qabel li għandha ssir laqgħa ma' Projects Plus Ltd sabiex jiġu stabbiliti l-fatti fir-rigward tal-minuti 9.8. u 9.9. aktar 'il fuq, billi jista' ikun hemm l-involviment ta' Transport Malta bħala regolatur fuq it-traffiku.

## 10.1. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskedi dwar l-Akkwist u tal-Pagamenti

10.2. Ġiet imressqa *Purchase Request Form* datata 9 ta' Ottubru 2020.

10.3. Kien hemm qbil dwar il-ħruġ tal-*purchase orders* li fadal, skont l-*items* elenkati fl-imsemmija skeda.

10.4. Tressqet skeda ta' infieq li sar permezz tal-*petty cash* bejn l-1 ta' Settembru u d-9 ta' Ottubru 2020;

10.5. Tressqet ukoll skeda ta' pagamenti li tkopri bejn is-17 ta' Settembru u d-9 ta' Ottubru 2020.

10.6. Il-Kunsill approva l-akkwist u l-pagamenti kollha fit-tliet skedi msemmija. Kien hemm qbil li l-Iskeda tal-Pagamenti għandha tiġi ppubblikata permezz tas-sit elettroniku: https://localgovernment.gov.mt/en/lc/Mellieha/Pages/Publications/Minutes-List.aspx

## AĠĠORNAMENT

Bi ftehim bejn il-membri eletti preżenti, is-seduta spiċċat fid-9.45pm u l-Kunsill aġġorna għal nhar it-Tlieta 10 ta' Novembru 2020 fis-6.00 pm.

| | |
|---|---|
| Dario Vella | Carmel Debono |
| **Sindku** | **Segretarju Eżekuttiv** |